Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2025)0142

Ftehim ta’ Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli UE-Greenland u Danimarka: Protokoll ta’ Implimentazzjoni 2025-2030

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta’ Lulju 2025 dwar l-abbozz għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f’isem l-Unjoni, tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta’ Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea, min-naħa waħda, u l-Gvern ta’ Greenland u l-Gvern tad-Danimarka, min-naħa l-oħra (2025-2030) (14652/2024 – C10-0227/2024 – 2024/0263(NLE))

(Approvazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-abbozz ta’ deċiżjoni tal-Kunsill (14652/2024),

– wara li kkunsidra l-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta’ Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea, min-naħa waħda, u l-Gvern ta’ Greenland u l-Gvern tad-Danimarka, min-naħa l-oħra (2025-2030) (14781/2024),

– wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 43(2) u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a)(v) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C10-0227/2024),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni mhux leġiżlattiva tiegħu tat-8 ta’ Lulju 2025[1] dwar l-abbozz ta’ deċiżjoni,

– wara li kkunsidra l-valutazzjoni baġitarja tal-Kumitat għall-Baġits,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 107(1) u (4) u l-Artikolu 117(7) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għas-Sajd (A10-0099/2025),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;

---

[1] Testi adottati, P10_TA(2025)0143.

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, minn naħa waħda, u lill-gvernijiet u lill-parlamenti ta' Greenland u tad-Danimarka, min-naħa l-oħra.